Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 148/2025**

**Il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Rabat, Ċitta Victoria |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Steven Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Nicky Saliba | Kunsillier, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsilli Lokali Xagħra
Kunsill Lokali Xewkija
Kunsill Lokali San Lawrenz
Kunsill Lokali Nadur

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Fontana

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**148.1 <u>Talba.</u>**

148.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**148.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.</u>**

148.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 147 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**148.3 <u>Korrispondenza.</u>**

148.4.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva email dwar propost żvilupp viċin il-Ġgantija fix-Xagħra. Peress li r-Reġjun kien ħa azzjoni fil-passat meta kien hemm żvilupp propost f'dawn l-inħawi dan ir-resident qed jiġbed l-attenzjoni dwar din l-applikazzjoni ġdida. Il-President qal li kif sar fil-passat l-ewwel irid japprova dan l-intervent il-Kunsill tal-lokalita' ikkonċernata.

148.3.2 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur tal-Manutenzjoni u l-Indafa Pubblika fi' ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar dwar żewġ *mini-sweepers* li qed joffru għal użu tal-Kunsilli Lokali. Ir-Reġjun ingħata r-rwol sabiex jiddelega ta' kif ser jintużaw dawn l-isweepers. It-toroq arterjali, it-tindif fil-Belt Victoria, Marsalforn u x-Xlendi ser isiru direttament min-naħa tal-Ministeru. Dawk il-Kunsilli li jagħżlu li jużaw dawn l-isweepers, iridu jipprovdu il-ħaddiema li joperawhom mill-Kunsilli rispettivi. Il-Kunsilli jridu jaraw kif ser tinġarr l-isweeper minn post għal ieħor. Il-Kunsilli jridu jieħdu ħsieb it-tindif tal-isweepers mill-ħaddiema tagħhom stess. F'dan l-istat ir-Reġjun ser jitlob lil dawk il-Kunsilli li huma nteressati biex jinformaw lir-Reġjun.

148.3.3 Il-President tar-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand iċ-Chairman tal-*Gozo Action Group Foundation* (GAGF). Fil-korrispondenza tiegħu, is-Sur Cordina ta r-riżenja tiegħu effettiv minn 31 ta' Diċembru 2025. Huwa rringrazzja lil-President għas-support tiegħu matul iż-żmien li għamel bħala Chairman tal-GAGF.

Il-President, Dr. Samuel Azzopardi flimkien mas-Sindku ta' Ta' Kercem (li huwa membru ta' din il-fondazzjoni) taw spjegazzjoni lil dawk preżenti dwar il-membri ta' din il-fondazzjoni. F'dan il-ħin il-President staqsa jekk kienx hemm xi ħadd interessat li jidħol membru f'din il-fondazzjoni. Din il-pożizzjoni mhux dik ta' Chairperson iżda bħala membru. Il-pożizzjoni ta' Chairperson tinħatar mill-fondazzjoni stess. David Apap Aguis, Sindku tal-Għarb wera l-interess li jidħol bħala membru fil GAGF. Il-President, Dr. Samuel Azzopardi nnomina lis-Sur David Apap Agius, u s-Sur Mario Azzopardi, Sindku ta' Ta' Kerċem issekonda din in-nomina. Il-membri preżenti kollha approvaw in-nomina tas-Sur David Apap Agius.

148.3.4 Ir-Regjun Għawdex irċieva email mingħand il-Founder/Director tal-Gaulitanus Choir fejn awgura lir-Reġjun Għawdex u lil-Kunsill Lokali tar-Rabat, Citta' Victoria għas-suċċess ta l-ewwel pass sabiex fit-2031 Victoria tkun il-Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura. Il-Mro Colin Attard qal li Gaulitanus Choir huwa kburi li kellu rwol sinifikanti f'dawn l-aħħar 35 sena sabiex jarrikkixxi l-ambjent kulturali lokali. Huma jistennew bil-ħerqa biex ikomplu jagħmlu dan biex itejbu il-kultura f' Għawdex.

148.3.5 Il-President tar-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand l-E.T. Mrqs. Anthony C. Coleiro, Honorary Consul – Republic of Cote' d'Ivoire to the Republic of Malta fejn informa lill-President li hu ġie maħtur bħala Honorary Consul. Hu stieden lill-President għal żjara ta' kortesija sabiex jiddiskutu il-possibilita ta' kollaborazzjoni bejn ir-Reġjun ta' Għawdex u r-Repubblika ta' Cote D'Ivoire. Fil-komunikazzjoni tiegħu hu qal li hemm potenzjal għall-ġemellaġġi bejn Kunsilli Lokali f'Għawdex ma' bliet Ivorjani, kif ukoll kollaborazzjonijiet oħra fl-oqsma ta' kultura, edukazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u l-kummerċ. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tibgħat ringrazzjament lill-E.T. Mrqs. Anthony C Coleira.

148.3.5 Il-President, f-isem ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Victor Cauchi bit-titlu: *Save Gozo Population Now Before it is Too Late*. Peress li din il-korrispondenza kienet ta' tlett paġni, ser tintbagħat lis-Sindki sabiex jarawha.

148.3.6 Ir-Reġjun Għawdex irċieva talba biex jipparteċipa bħala partner fil-proġett Cyclogovernance. Ser ikun iffinanzjat mill-programm Italia-Malta. Din it-talba għandha tgħaddi għand il-maniġer inkarigat minn EU/National Funds biex jara aktar dwarha.

148.3.7 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-editur tal-Ħajja f'Għawdex dwar ktieb ġdid ippubblikat b'artikli bijografiċi dwar l-Isqof Nikol G. Cauchi, f'għeluq il-15-il sena minn mewtu. Il-membri preżenti qablu li għandu jinxtara ktieb għal kull librerija f'Għawdex. Dan jiswa €20 kull ktieb.

148.3.8 Ir-Reġjun Għawdex reġa irċieva l-istatistika mingħand l-ERA dwar "*Litter and Fines*" matul ix-xhur ta' Lulju-Settembru 2025. Għal darb' oħra dawn kienu tal-mistħija, bl-ebda multa ma ngħatat f'dawn ix-xhur. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tibgħat lil-ERA dwar id-diżappunt mill-Kunsilli dwar in-nuqqas ta' ħidma u nfurzar minn naħa tal-ERA.

148.3.9 Ir-Reġjun irċieva ittra mingħand l-IGCAT (International Institute of Gastronomy, Culture, Arts and Tourism). Huma rringrazzjaw lill-membri tar-Reġjun għall-pranzu tal-għeluq taż-żjara tagħhom f'Għawdex waqt il-*Food Film Menu 2025* li kien ospitat mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Huma awguraw ukoll lir-Reġjun għal għat-*tieni round* tal-kompetizzjoni għat-titlu tal-*European Capital of Culture 2031*.

148.3.10 Il-President tar-Reġjun Għawdex, Dr. Samuel Azzopardi u r-Reġjun Għawdex irċevew ittra ta' ringrazzjament mingħand is-Sindku tal-Kunsill Lokali Rabat (Ċitta Victoria) għall-kontribut u s-sehem sabiex il-bid tal-Belt Victoria seta' jkun ta' suċċess. Ir-Reġjun għandu jibgħat ittra lil-Kunsill Lokali tar-Rabat. Huwa unur kbir għalina li konna parti minn din il-mixja flimkien mal-Kunsill tar-Rabat u r-Reġjun se jkompli jagħti l-appoġġ kontinwu tiegħu sabiex l-għan ewlieni jintlaħaq u naraw lill-Belt Victoria bħala il-Belt Kapitali Ewropeja għas-sena 2031.

148.3.11 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex ġie mitlub sabiex jattendi laqgħa mas-Segretarju Permanenti u Direttur Ġenerali (Strateġija u Sapport) tal-Ministeru ta' Għawdex u l-Ippjanar dwar il-konsum tad-dwal tat-toroq. Il-President qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu għal din il-laqgħa biex naraw x'qed jiġi mitlub minna bħala Kunsill Reġjonali Għawdex.

148.3.12 Ir-Reġjun irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) dwar il-kollaborazzjoni u sapport matul iż-żjara mid-delegazzjoni mill-Ukrajna li kienu parti mill-programm TIPS4UA (*Training and Internship Programme Support for*

*Ukrainian Municipalities*). Il-programm TIPS4UA, implimentat mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) f'kooperazzjoni ma' U-LEAD u l-Ewropa, huwa mfassal sabiex jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali Ukreni. Din id-delegazzjoni kienet f'Malta u Għawdex f'Settembru.

148.3.13 Ir-Reġjun Għawdex irċieva invit biex jattendi l-Arts Summit Festival 2026 f'Budva, Montenegro. Din ser tkun bejn is-16 u s-19 ta' Mejju. Il-President qal li jridu naraw jekk din is-summit huwiex ta' benefiċċju għar-Reġjun.

148.3.14 Il-Maniġer tal-Kultura ppreżentat żewġ proposti ta' proġetti għas-sena tal-Gastonomija 2026. Dan għaliex kien hemm xi għaqdiet li ħarġu mill-proposti ta' proġetti tagħhom wara li kienu ġew aċċettati fil-Bid Book. Dawn huma: Gastroarti u Gastro Kommunita'. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat id-deskrizzjoni tal-kunċetti permezz ta' email lill-Kunsilli Lokali. Ir-Reġjun ser japplika għall-fondi għal dawn il-proġetti taħt il-miżuri tal-GAGF. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri preżenti.

## 148.4 Approvazzjoni tat-tielet Rapport ta' Kull Kwart (Jannar- Settembru 2025)

148.4.1 Ġie ppreżenat ir tielet rapport tas-sena 2025 ta' kull kwart. Dan kien ġie iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant, ġie ikkunsidrat li nqara. Is-Segretarja tat rendikont qasir tal-figuri u nformat lill-membri preżenti li r-Reġjun Għawdex jinsab f' pożizzjoni finanzjarja tajba, iżda l-President informa lill-membri li f'dan il-kwart irriżulta li r-Reġjun għandu defiċit ta' €52,229. Peress, li r-Reġjun għandu fondi miżmuma. L-FSI qiegħed 73% Ir-rapport ġie approvat.

## 148.5 Proġetti fil-Komunitajiet (LESA) – Applikazzjoni tar-Reġjun Għawdex.

148.5.1 Ir-Reġjun Għawdex ippreżenta applikazzjoni fuq is-sejħa Proġetti fil-Komunitajiet - Programm 2024-2026 - It-Tieni Sejħa. Ir-Reġjun qed japplika taħt il-kategorija ta' Wirt Lokali - Restawr ta' binjiet storiċi. L-applikazzjoni tar-Reġjun tiffoka fuq il-faċċata tal-binja antika li xtara r-Reġjun biex tintuża bħala uffiċċju u sede uffiċjali tar-Reġjun. Din l-applikazzjoni ġiet approvata mill-membri preżenti.

## 148.6 European Youth Orchestra 2026 - Erasmus+ Project.

148.6.1 Għal darb' oħra il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex irnexxilu jassigura il-parteċipazzjoni tiegħu fil-proġett tal-Erasmus+ - *European Youth Orchestra 2026*. Għal dan il-għan il-Kunsilli mistiedna joħorġu sejħa għaż-żgħażagħ mużiċisti tagħhom bejn l-etajiet ta' 15 u 20 sena sabiex dawn japplikaw. Il-proġett ser iseħħ bejn s-17 u 23 ta' Mejju 2026 b'kunċert waqt *Youth Festival* fil-belt ta' Bordeaux fir-Reġjun ta' Nouvelle-Aquitaine fi Franza. Il-proġett jirrimborsa sa massimu €309 kull persuna għall-ivvjaġġar. Spejjeż addizzjonali tal-ivvjaġġar għandhom jitħallsu mill-Kunsilli Lokali rispettivi taż-żgħażagħ li se jiġu magħżula biex jipparteċipaw. Ir-Reġjun jieħu ħsieb it-trasport lokali. Ir-Reġjun ser jibgħat email bid-dettalji kollha inkluż l-istrumenti rekwiżiti.

## 148.7 Materji Oħra.

148.7.1 Ġie diskuss il-launch tas-sistema tal-GRAS li sar dalgħodu stess fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar u s-Segretarju Parliamentari għall-Gvern Lokali.

148.7.2 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar l-attivita' "*A Cultural Celebration*" li ser issir nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2025 fil-foss taċ-Ċittadella

**148.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.**

148.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 159 li kienet tammonta għal € 286,133.46.

**148.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.**

148.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:45 u s-seduta li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru fis-6:00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**

____________________

Dr. Samuel Azzopardi
President

**IFFIRMATI**

____________________

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv